# MALTA
# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA
# MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 13 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 84/2022**

**Jason Borg**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Jason Borg** ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *lli l-esponent applika mal-Kummissarju intimat sabiex tinħariġlu liċenza ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta). L-applikazzjoni iġġib in-numru ta' referenza PG/642/2022;*

2. *Illi nhar il-5 ta' Settembru 2022 l-esponenti irċieva korrispondenza iffirmata mill-Kummisarju tal-Pulizija fejn huwa ġie infumat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet irrifjutatat ai termini tal-artikolu 10 (a)(i) tal-Att Dwar il-Gwardjani Privati u l-Uffiċjali tal-Komunita il-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li skond il-Kummisarju tal-Pulizija, nhar is-27 ta' Jannar 2008 l-esponenti kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li wettaq delitt kontra il-fiduċja pubblika;*

3. *Illi l-esponent iħossu aggravat minn din id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat u minnha qed jinterponi dan l-umili appell ai termini tal-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-aggravji kontra din id-deċiżjoni huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

4. *Illi l-ewwel ħaġa ir-rikorrent qatt ma kellu xi sentenza fil-konfront tiegħu li ingħatat fis-27 ta' Jannar 2008 imma is*-sentenza *fil-konfront tiegħu hija datata 29 ta' Jannar 2008 mogħtija mill*-Qorti *tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn ir-rikorrent kien instab ħati tali matul Marzu 2007 ikkometta reati ai termini tal-artikolu 121A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal*-artikolu 185 tal-Kap *9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal*-artikolu 186 tal-Kap 9 *tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kien ikkundanat sena priġunerija sospiżi għal sentejn, ħlas ta' ħames mitt lira (LM500)* multa *u kellu il-liġenzja nawtika tiegħu sospiża għal sena;*

5. *Illi ir-rikorrent kien mixli b' dawn l-imputazzjonijiet minħabba irregolaritajiet li kellu fil-liċenza nawtika tiegħu u mhux minħabba xi każ serju li jaffetwa il-fiduċja pubblika;*

6. *Illi fiż-żmien* li twettaq dan ir-reat ir-*rikorrent ma kien iżomm l*-ebda kariga *pubblika jew jaħdem bħala uffiċjal pubblika u allura qatt ma jista' jingħad li b' emilu huwa affetwa l-fiduċja pubblika;*

7. *Illi kif huwa manifest mill-fedina penali tal-esponent" wara dan il-każ li nqata kważi erbatax*-il sena *ilu, l-esponent qatt ma reġa' xellef difru mal-liġi u illum huwa persuna li jgħix f'konformita totali mall-liġi;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi umilment sottomess li dak li kellu jagħmel il*-Kummissarju *tal-Pulizija f'dan ir*-rigward *kien li jqis oġġettivament u korrettement il-fatti li kellu quddiemu, u kieku tali eżerċizzju ġie kondott korrettement, il-Kummissarju ma kienx jasal għal dik il-konklużjoni li effettivament wasal għaliha;*

9. *Illi l*-artikolu 10 *(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu ġie imsejjes ir-rifjut tal*-Kummisarju *tal-Pulizija huwa diskriminatorju u li jmur kontra kwalunkwe kunċett ta' rijabilitazzjoni li jista' jkun applikabbli għall-każ partikolari speċjalment meta jkunu każijiet ta' portata żgħira bħal ma kien il-każ attribwit lill*-esponent;

10. *Illi s- sistema legali tagħna li hija ibbażata fuq u temmen fil-kunċett ta' riabilitazzjoni ma għandix tintuża bħala mezz kif tiġi oppressa persuna minħabba żball de minimis tal*-passat, *u sakemm wieħed jagħraf li żbalja u jiddispjaċieh għal tali żball, m'għandux jinżamm milli jkompli b'ħajtu minħabba dak l-iżball;*

11. *Illi jekk ir-rikorrent jingħata il-liċenzja mitluba minnu ċertament mhu ser jinħoloq ebda periklu għall-interess pubbliku u b'hekk* din id-*deċiżjoni m'hijiex waħda raġjonevoli, aktar u aktar meta wieħed iqis li r*-rikorrenti *għandu track record ta' ħajja lavorattiva tajba, apparti li fil-ħajja tiegħu ta' kuljum huwa raġel li integra tajjeb fis-soċjetà, m'għandu l*-ebda *vizzji, u* huwa persuna serja. Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-*Maġistrati ma* hemmx dubju li r-rikorrenti fehem ukoll ir-*responsabbiltà li għandu jerfa' kull ċittadin;*

12. *Illi fl-aħħar nett, huwa umilment rilevat illi fid-deċiżjoni tiegħu, dan it-Tribunal għandu jkun ukoll motivat minn konsiderazzjonijiet umanitarji, u dan tenut kont li l-materja in kwistjoni hija waħda serja ħafna għax taf tfisser it-telf tal-ħobża ta' kuljum tar-rikorrent. Mingħajr il-liċenza, l-esponent effettivament ser jiġi eskluż minn kull opportunità ta' xogħol fis-settur li fih huwa mħarreġ u għandu esperjenza ta' xogħol preċedenti. Dan huwa ta' inkwiet u perturbazzjoni kbira lill-esponent, li issa ilu li qabad it-triq it-tajba.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob umilment illi dan it-Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni amministrattiva tal-Kummissarju intimat kif kontenuta fl-ittra ta' rifjut tal-4 t'Awwissu 2022 u konsegwentament, jordna lill-istess Kummissarju intimat sabiex joħroġ illiċenzja taħt l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta) skont it-talba tal-esponent.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fit-22 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-Kummissarju esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat abbażi tal-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati li huma wkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP' u liema reati jikkostitwixxu delitt kontra l-fiduċja pubblika ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan il-każ;*

3. *Illi l-esponent ikkunsidra li dawn ir-reati mwettqa mir-rikorrent jikkostitwixxu delitt kontra l-fiduuċja pubblika taħt l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħlu, u mhux jaġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hu stess fil-qadi ta' xogħlu bħala gwardjan privat (ara* ***Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva***[1] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

4. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt kontra l-fiduċja pubblika" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) tal- Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi***

[1] Rks 87/2020.

***obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

6. *Illi b'referenza għat-tnax-il premessa, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċioe li huwa qiegħed jiġi eskluż minn kull opportunita' ta' xogħol fis-settur li fih huwa mħarreġ, għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jista' jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat;*

7. *lli finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi (ara* ***Daniel Aquilina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva***[2] *deċiża fis-26 ta' April 2016).*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Sema' lir-rikorrent u lix-xhud prodott minnu;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ippreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

[2] Rik 49/2015 CG

***"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.***

***Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta). Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogtija fil-konfront tiegħek, nhar is-27 ta' Jannar 2008, fejn int instabt ħati li wettaq delitt kontra l-fiduċja pubblika, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula."***

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jirrileva illi s-sentenza fil-konfront tiegħu ma ngħatatx fis-27 ta' Jannar 2008 iżda fid-29 ta' Jannar 2008. Madanakollu rriżulta illi s-sentenza li permezz tagħha nstab ħati ta' delitti kontra l-fiduċja pubblika ngħatat fil-21 ta' Jannar 2008.[3] Dan l-iżball inħoloq peress li jista' jingħad illi d-data miktuba bl-idejn fuq il-fedina penali tista' tagħti lok għal possibilita` li n-numru jinqara kemm 27 u kemm 21. It-Tribunal ma jqisx illi l-iżball fid-data tas-sentenza riportat fid-deċiżjoni appellata huwa daqstant materjali jew ta' preġudizzju għar-rikorrenti u dana għaliex ħareġ ċar illi r-rikorrent kien ben konsapevoli għal liema deċiżjoni l-Kummissarju intimat kien qiegħed jirreferi, tant li huwa stess irrileva l-iżball fid-data, anke jekk anke huwa kien żbaljat fl-istess data.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa jaħdem bħala *marina assistant* u jixtieq jaħdem bħala gwardjan privat *part-time*. Huwa stqarr li wara li ngħata s-sentenza tal-2008 ma reġa' kellu ebda problema oħra.

**Teddy Jude Taddeus Attard** xehed illi r-rikorrent dam sena jaħdem miegħu bħala *maintenance person* ġewwa *guesthouse* qabel ma faqqgħat il-pandemija tal-Covid 19. Spjega li r-rikorrent kien bniedem affidabbli u qatt ma kellu argumenti ma' ħadd.

**L-Ispettur Sarah Magri** xehdet illi r-rikorrent kellu tliet kundanni fuq il-fedina penali, pero` r-raġuni tar-rifjut kienet waħda minnhom u ċioe` r-reati li dwarhom kienet titratta s-sentenza tas-sena 2008.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq fuq artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita'), liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

---

[3] Sentenza esebita a fol. 42

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[4] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi* ***delitt kontra l-fiduċja pubblika*** *jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma hux speċifikat fl-istess sub-inċiż, jistgħax jiġi kkunsidrat bħala gravi jew le.

Illi mill-fedina penali esebita a fol. 14 sa 16 u minn sentenza datata 21 ta' Jannar 2008 esebita a fol. 42 jirriżulta illi r-rikorrent kien ġie misjub ħati li:

1. *Wiegħed, taha jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor;*
   *(Dak bi ksur ta' l-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

2. *U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz.*
   *(Dan bi skur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

3. *U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn wieħed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   *(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

4. *U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjtentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha tagħrif falz;*
   *(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

[4] Enfasi tat-Tribunal

5. *U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuraġni, għamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarità sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taħt l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Liġijiet ta' Malta)*

Illi jirriżulta illi t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni jirrigwardaw reati li jinsabu elenkati taħt Titolu V tal-Kodiċi Kriminali li jitratta "Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika".

Illi għalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat kien legalment korrett meta ddeċieda li l-imputat kien instab ħati ta' delitti kontra l-fiduċja pubblika. Kwindi dak sostnut mir-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu, u ċioe` li "allura qatt ma jista' jingħad li b'għemilu huwa affetwa l-fiduċja pubblika", ma huwiex korrett.

Illi, pero`, r-rikorrent jisħaq illi l-Kummissarju intimat ma kienx raġjonevoli meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent u dan għaliex dak li kellu jagħmel il-Kummissarju kien li "jqis oġġettivament u korrettement il-fatti li kellu quddiemu".[5]

Illi fil-fehma tat-Tribunal kien proprju dak li għamel il-Kummissarju intimat. Li kieku l-Kummissarju ta l-liċenzja lir-rikorrent kien ikun qiegħed jinterpreta l-liġi b'mod soġġettiv u kontra l-ispirtu tagħha. Illi filwaqt li iktar kemm jgħaddi ż-żmien il-leġislatur qiegħed iħares lejn il-kunċett ta' rijabilitazzjoni ta' min ikun wettaq xi reat jew ieħor, la dan it-Tribunal u lanqas il-Kummissarju intimat ma jista' jiddeċiedi kontra dak li tgħid il-liġi, u dana proprju għaliex l-istess liġi ma ħalliet ebda diskrezzjoni f'idejn il-Kummissarju intimat fejn jidħlu ċerti reati. Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi għaddew bosta snin minn meta twettqu r-reati li kienu ta' ostakolu għall-ħruġ tal-liċenzja *de quo*, huwa m'għandu ebda poter jew diskrezzjoni jiddeċiedi b'mod differenti minn dak li ddeċieda l-Kummissarju intimat. Dan it-Tribunal jista' jiddeċiedi jekk deċiżjoni tkunx waħda raġjonevoli jew le fejn min jieħu l-istess deċiżjoni ikollu xi tip ta' diskrezzjoni, pero` fejn il-leġislatur innifsu ma jagħtix diskrezzjoni lil min għandu jiddeċiedi, allura dan it-Tribunal ma jistax jagħti xi interpetazzjoni mod ieħor tal-liġi.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-paragrafu ħdax fir-rikors promotur fejn ġie sottomess illi r-rikorrent għandu *track record* ta' ħajja lavorattiva tajba, integra tajjeb fis-soċjeta` u m'għandu ebda vizzji. Illi, *dato ma non concesso,* li dan huwa kollu minnu, jerġa' jiġi ribadit li dan

[5] Paragrafu 8 tar-rikors promutur a fol. 2

kollu ma jista' jkollu ebda piż fuq id-deċiżjoni li trid tittieħed mill-Kummissarju intimat meta rinfaċċjat b'applikazzjoni minn persuna li tkun wettqet reat speċifikat f'artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas ma jista' dan it-Tribunal, lanqas kieku jrid, jieħu in konsiderazzjoni ċirkostanzi umanitarji. Li kieku kellu jkun hekk allura tisparixxi dik l-oġġettivita` li dan it-Tribunal huwa mistenni li japplika fid-deċiżjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 4 ta' Awwissu 2022 u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

____________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**